MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
LAURENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2008

Numru 205/2008

**Il-Pulizija
Sp Stephen Mallia
Sp Jesmond Borg
vs
Joseph Azzopardi
Joseph Caruana**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Joseph Azzopardi ta; 66 sena iben Saviour u Carmela nee' Saliba mwieled Victoria Ghawdex nhar it-2 ta' Gunju 1941 u residenti 14 'Edelweiss' Triq Forn il-Gir Victoria (Ghawdex), ID 46541G.**

**U**

**Joseph Caruana ta' 41 sena iben Mary Caruana mwieled B'Bugia nhar is-27 ta' Settembru 1966**

**residenti 'Nid D'Amour' 64, Triq il-Kunsill Civiku Victoria (Ghawdex), ID 422266M.**

**Akkuzati talli nhar it-3 ta' Settembru 2007 ghall-habta ta' 3.45om gewwa l-ghassa ta' l-Airport, xjentement ssoprimew jew b'xi mod iehor qerdu jew bidlu tracci jew indizji ta' reat.**

**Rat l-atti kollha tal-process inkluz il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dawn il-proceduri jkunu sommarji u l-kunsens ta' l-imputati sabiex dawn il-proceduri jkunu sommarji.**

**Rat l-ammissjoni ta' l-imputati ghal din l-imputazzjoni, liema ammissjoni huwa kkonfermaw wara li nghataw hin xieraq biex jahsbuha.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 111(2) tal-Kap 9 ssib lill-imputati hatja ta' l-imputazzjoni dedotta kontra taghhom. Il-Qorti tqis li kull rapport li jsir lill-pulizija ghandu jkun civilissimu ghaliex l-awtorita' ma ghandhiex**

**(a) Tahli z-zmien ghal xejn**
**(b) Tuza r-rizorsi taghha b'mod inefficjenti sempliciment ghax min jaghmel ir-rapport jew bi traskuragni jew apposta, jibdel id-dettalji ta' xi jkun gara fil-fatt**

**Fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, il-Qorti flok tikkunanna lill-imputati qed tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlu ebda reat iehor fi zmien tliet snin millum. Il-Qorti spjegat l-Artikolu 22 tal-kap 446 lill-imputati fi kliem semplici. Ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna lill-imputati jaqsmu 50% kull wiehed l-ispejjez ta' l-inkjesta li kienet ipprezentata f'dawn il-proceduri skond il-kont li jkun mahrug mir-Registratur.**

Il-Qorti tordna li din is-sentenza tintbghat ghand ir-Registratur sabiex ikun jista' johrog il-kont relevanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------